**Innu lil Sant' Antnin ta' Padwa**

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: "Il-Maestro Manoel Pirotta jikteb dwar wieħed mill-innijiet li ħallielna Dun Anton, fost il-minjiera ta' kitbiet li ħallielna. Huwa l-Innu lil Sant' Antnin, Patrun tal-Fergħa tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika … Pirotta, fl-isfond ta' daħla ħafifa fuq l-istorja tal-Azzjoni Kattolika u tal-qaddis patrun tal-Fergħa tal-Ġuvintur, jitfa' dawl fuq il-kitba tal-innu mis-saċerdot maħbub tagħna, imbagħad jagħtina analiżi dettaljata tiegħu, fejn ifissrilna kif il-kliem abbilment magħżul u mirqum minn Dun Anton, isib postu fil-melodija li adattalu l-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Guido Calleja, u l-armonizzazzjoni li saret fl-aħħar mill magħruf Surmast Angelo Pullicino, surmast li ismu huwa sinonimu mal-Banda San Ġiljan."[1]

Kliem muftieħ: Innu lil Sant' Antnin ta' Padwa, Mro. Angelo Pullicino, Mons. Guido Calleja, Dun Anton Xiberras, Xaqq Dawl (folju), Azzjoni Kattolika (San Ġiljan), Dun Karm Psaila, San Ġiljan.

Daħla: L-istatwa ta' Sant' Antnin ta' Padwa li hemm fil-knisja ta' Lapsi, kien ilha fin-niċċa tagħha ħafna snin qabel ma Dun Anton Xiberras (1922-2006), qassis min-Naxxar, intbagħat, fuq stedina ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi, biex jibda l-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġiljan fl-1948. Mhux magħruf jekk il-festa ta' dal-qaddis qattx kienet tiġi ċċelebrata f'dan is-subborg marittimu qabel il-miġja tiegħu.



L-istatwa ta' Sant' Antnin fin-niċċa tiegħu li hemm fil-knisja ta' Lapsi

## Twaqqif tal-Azzjoni Kattolika f'San Ġiljan

Fid-9 ta' Settembru ta' din l-istess sena l-W. Rev. Kappillan, Dun Anton Debono, ġabar madwaru għadd ta' rġiel, ġuvintur u tfal, u hekk waqqaf il-Fergħa Maskili ta' l-A.K. fil-Parroċċa ta' San Ġiljan.[2] Dun Anton Xiberras lanqas laħaq wasal li ma nħatarx mill-ewwel Assistent Ekkleżjastiku tal-Fergħa tal-Ġuvintur. L-irġiel u l-ġuvintur għall-ewwel kienu jiffurmaw ċirkolu wieħed, dak ta' Sant' Antnin, iżda fl-aħħar tal-1949, l-irġiel inqatgħu minn mal-

[1] Borg Andrew (Editur): Dun Anton – Kitbietu miġbura (Vol. 2). Deer Publications (2010)
[2] Ara Editorjal ta' 'Xaqq Dawl' – It-III Sena – Settembru 1951 – Nri. 27,28, u 29.

ġuvintur[3]. Dawk tal-ewwel għażlu l-isem ta' San Ġiljan, filwaqt li dawk tat-tieni żammew lil Sant' Antnin bħala l-protettur tagħhom. Jingħad li, l-isem tal-qaddis ingħata lill-Fergħa tal-Ġuvintur, għax kemm il-kappillan, kemm Dun Anton, kif ukoll Dr. Busuttil M.D., dak iż-żmien President tal-Irġiel, kienu lkoll iġibu l-istess isem.






Santi tal-qaddis li kienu jitqassmu f'xi okkażjoni speċjali. Jidher fuq wara t-timbru taċ-Ċirkolu 'Sant' Antnin' A.K. Ġuvintur San Ġiljan

'Xaqq Dawl'

'Xaqq Dawl' kien l-isem ta' Bullettin għall-Imseħbin u għall-Benefatturi taċ-Ċirkolu, u kien jinħareġ mill-Ġuvintur taċ-Ċirkolu Sant' Antnin, Azzjoni Kattolika, San Ġiljan taħt id-direzzjoni ta' c/o 151, St. George's Road, San Ġiljan bejn Mejju 1949 u Settembru 1955. L-isem ta' dan il-folju kien ingħata mill-ogħla Poeta Malti u Patrijott kbir, l-Ill.mu. u Rev.mu. Mons. Dun Karm Psaila D. Litt.[4]

Min kien Sant' Antnin ta' Padwa?

It-tweġiba jagħtihielna l-artikolista stess fil-folju tal-ewwel sena – Ġunju 1949 – Nru. 2, paġna 3 bit-titlu - 'Il-Ħajja tal-Patrun Tagħna':

Sant' Antnin twieled fil-belt kapitali ta' Lisbona, fil-Portugall, nhar il-15 t'Awwissu, 1195, minn familja nobbli. Qabel kien jismu Ferdinandu. Ta' disa' snin kien abbati. Hawn kien l-eżempju ta' sħabu. Qatt gibda żgħira. Sħabu qalu: 'Dan għad ikun qaddis kbir.' Meta kellu 15-il sena daħal mal-Kanonki Regulari. Hawn issokta il-ħajja qaddisa ta' Talb u penitenza. Miġbud mill-ħajja fqira u t-tama tal-martirju daħal fl-Ordni Franġistkan fl-1220. F'dan l-Ordni sar Missjonarju, predikatur kbir, kellu d-don tal-ilsna, għamel ħafna mirakli, kien jidhirlu l-Bambin, iċanfar lill-midimbin stinati. Antonju miet il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju 1231.

L-istatwetta ta' Sant 'Antnin li hemm fis-sagristija

Kull min jidħol fil-knisja ta' Lapsi jara statwetta ta' Sant'Antnin fuq il-bankun għoli li hemm fin-nofs tas-sagristija, u li magħha hemm marbut aneddotu ħelu ħafna! Dan jiżvelah il-Bullettin tat-II Sena – Awwissu 1950 – Nru. 16, paġna 7, fejn jgħid li fit-3 ta' Lulju, l-Assis. Ekkles. Dun Anton, kien ħarab ħarba sa Ruma mingħajr ma qal lil ħadd! Biex inkomplu ma' dan li qed ngħidu, Kelinu s-sagristan jirrakkonta li, l-istatwetta ta' Sant' Antnin fil-fatt kienet inġiebet mill-Italja meta hu flimkien ma' sħabu kienu telgħu ma' Dun Anton tal-Azzjoni Kattolika. Kelinu jikkonferma wkoll li, l-istatwa l-oħra ta' Sant' Antnin li hemm fin-niċċa hija ferm eqdem mill-istatwetta li kienet tniżżlet 'bis-serqa' minn Ruma.

[3] Tagħrif meħud mill-Programm tal-Festa ta' San Ġiljan 20-26 ta' Awissu 1984 – L-Azzjoni Kattolika f'San Ġiljan minn J(oe) A(quilina). Il-paġni mhumiex innumerati.
[4] Ara editorjal ta' 'Xaqq Dawl' – l-ewwel sena – Ġunju 1949 – Nru. 2.



L-istatwetta li kienet tniżżlet 'bis-serqa' minn Ruma

L-innu lil Sant' Antnin ta' Padwa

L-innu lil Sant' Antnin ta' Padwa jissemma għall-ewwel darba f'paġna 11 (għalkemm il-paġni mhumiex innumerati) tal-Bullettin Parrokkjali tas-VI sena – April-Ġunju 1954 – Nru. 2. Hawnhekk ser inġibu t-tagħrif kollu kif kien deher f'dil-paġna ntitulata - 'Festi fil-Parroċċa Tagħna':

SANT' ANTNIN TA' PADWA – Protettur taċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika

13 il-Ħadd: Jum il-festa. Fit-8.30 a.m. Quddiesa Kantata mill-Ass. Ekkl. Fl-għaxija fl-4.30 p.m. għasar kantat mill-Ġuvintur u tfal, u Panigierku tal-Qaddis mill-W.R. Kappillan.

14 it-Tnejn: AKKADEMJA fit-Teatru Melita: Marcia Pontificia; Kelmtejn; Farsa; Kor: 'Va Pensiero'; Konferenza bis-slides fuq Sant' Antnin; l-**Innu l-ġdid tal-Qaddis**, Kanzunetti.

Mill-programm ta' hawn fuq jidher ċar li, l-Innu lil Sant' Antnin ta' Padwa iżżanżan nhar l-14 ta' Ġunju 1954 waqt l-Akkademja fuq imsemmija.

Min kiteb l-Innu?

Il-partitura oriġinali miktuba għall-orgni, jew armonju, li tinsab fl-arkivju tal-knisja ta' Lapsi hija ntitolata – L-Innu lil Sant' Antnin tal-Azz. Katt. ta' San Ġiljan. Tgħid ukoll li, il-versi huma ta' Dun Anton Xiberras u mużika ta' W. R. Kappillan Dun Guido Calleja. Madankollu, għall-ewwel ma stajtx nifhem il-għala l-mużika allura kienet ġiet ikkuppjata pulit kemm jista' jkun bil-linka minn Mro. Angelo Pullicino (1904-79) - il-kaligrafija tiegħu nagħrafha minn mitt mil bogħod, u daqstant ieħor nagħraf mill-ewwel il-mod kif kien jarmonizza melodija – liema armonizzazzjoni hija konsistenti fil-bqija tal-innijiet illi huwa kiteb. Trejdmark oħra tiegħu hija t-tħaddim tas-sesta Ġermaniża[5] lejn tmiem l-innu, fit-tieni taħbita ta' battuta 30.[6]

[5]Is-sesta Ġermaniża (bl-Ingliż magħrufa bħala *German 6th*.) hija korda magħmula minn trijadi maġġuri, jiġifieri grupp ta' tliet noti li jikkonsistu f'nota u t-terza maġġuri u l-kwinta perfetta ta' fuqha. Ma' dawn wieħed irid iżid is-sesta awmentata. Din il-korda tinbena fuq is-sitt grad minuri ta' l-iskala (ġieli wkoll, fuq it-tieni grad minuri). Għal dan il-fatt, is-sesta Ġermaniża hija waħda kromatika. Biex inġibu

Il-kobba kompliet titħabbel sew meta, mill-arkivju personali tiegħi rriżultali li għandi fil-pussess tiegħi żewġ partituri tal-istess innu, it-tnejn mħażżin bil-lapis: (a) għall-pjanu, u (b) taqsira tal-partitura għall-banda, u li fuqha saħansitra hemm imniżżel li huwa ‘Innu ta’ Sant’ Antnin’. Fil-partitura għall-pjanu jidher ċar li, is-Surmast Pullicino kien ħadem fuq l-armonija għax fiha għadd ta’ taħsiriet bil-gomma bħal meta wieħed jingħatalu eżerċizzju fl-armonija biex jinħadem. Meta niġu għall-partitura tal-banda mbagħad, din tatina x’nifhmu li kien hemm ukoll ħsieb li l-innu seta’ jindaqq ukoll mill-Banda San Ġiljan, li tagħha Pullicino kien Surmast tista’ tgħid għal għomru. Il-partitura tinkludi dawn l-istrumenti li ġejjin mifruxin fuq erba’ pentagrammi: Klarinetti primi, sekondi, u terzi; Kurunetti primi u sekondi; Ewfonji diviżi; Trumbuni u baxxi – u li minnhom imbagħad wieħed jista’ faċilment joħroġ partijiet oħra għall-bqija tal-istrumenti tal-banda. Punt ieħor interessanti huma l-ewwel erba’ battuti tar-ritornell (b. 17-20, u mbagħad ukoll b. 25-7) fejn għandek l-ewfonji diviżi jinsġulek ritmu ħafif ta’ respir aspett u segwit minn tliet kromi – liema ritmu nsibuh ukoll fir-ritornell tal-‘Innu Popolari San Ġiljan’ – din hija, biex ngħid hekk, tikketta tiegħu, u li fl-istess waqt tkompli ssaħħaħ il-fehma tagħna li kien hu li armonizzah. U x’hemm prova isħaħ minn dik ta’ meta rċivejt imejl mingħand il-Monsinjur Gwido Calleja nhar il-15 ta’ Settembru 2009 – nislet biss il-parti rilevanti:

> *About the hymn of Sant ‘Antnin I can tell you more. It came about with D. Anton who wrote the verses and he asked me to dress it up in music. Then I was very young and I wrote the melody but I didn’t harmonize it. So I gave it to Angelo and he looked at it and quickly liked it and harmonized it. I played it on the organ and the Catholic Action youngsters liked it too. We sang it after the mass on the Feast day with great fervour …*

Għaldaqstant, wieħed issa jista’ jgħid b’ċertezza li, l-Innu lil Sant’ Antnin ta’ Padwa għandu versi ta’ Dun Anton Xiberras, melodija ta’ Mons. Gwido Calleja, u armonizzazzjoni ta’ Mro. Angelo Pullicino.


(a) Taqsira tal-partitura għall-banda


(b) Partitura għall-orgni/armonju



(ċ) Partitura għall-pjanu[7]

---

eżempju, jekk qegħdin in Do maggiore, is-sesta Ġermaniża tiġi taqra hekk: La bemoll, do, mi bemoll, u Fa djesis. Importanti ħafna li, din il-korda ma tirsolvix mill-ewwel fuq id-dominanti għax tikkawża il-kwinti konsekuttivi. Minflok, għandha l-ewwel tirsolvi fuq il-korda tal-ewwel grad fit-tieni inverżjoni, u mbagħad tmur lejn id-dominanti.

[6] Minn intervista li kienet saret ma’ Tony Perry nhar id-19 ta’ Settembru 2006 huwa kien qal hekk: Fuq is-sesta Ġermaniża kien jgħidli “Ara din is-sesta Ġermaniża, Ton”, u kien isemmagħhieli. Dak iż-żmien ma kontx nifhem x’inhi jiena, imma is-sesta Ġermaniża niftakru jsemmiha qisu qed nitkellem miegħek issa!” (Is-Surmast Angelo Pullicino kien jiġi zijuh.)

[7] Partitura (ċ) hija waħda ġdida li saret minn fuq dik għall-banda. Tneħħew xi għeltijiet żgħar li seta’ kien hemm f’dik li hi grammatika mużikali, speċjalment fejn jidħlu kwinti u ottavi mtennija. Saru wkoll xi arranġamenti għalbiex il-mużika tkun aktar faċli għas-swaba għal meta tiġi biex tindaqq fuq il-pjanu.

X'ikun innu?

Innu huwa poeżija lirika, aktarx miktuba biex titkanta, li tesprimi t-twemmin u l-emozzjoni mqanqla mit-twemmin. L-innu reliġjuż jislet il-kontenut Teoloġiku u jbiddlu f'taħdit poetiku msieħeb mas-sentiment popolari biex jinftehem u jinħass ... Aktar minn ġeneri letterarji oħra, l-innu miktub bil-Malti huwa marbut mill-qrib mat-tradizzjoni tal-għana popolari, minn fejn silet id-drawwa tal-kwartina (strofa ta' erba' versi, b'versi ndaqs jew ta' daqs differenti, bir-rima jew mingħajrha) bl-ottonarji (vrus magħmulin minn tmien sillabi) bir-rima skont l-iskema a-b-ċ-b. Minn dan il-punt tat-tluq elementari, l-innu beda jinkiteb bi strofi u b'forom oħra. Ix-xebh bejn il-versi tal-għana u l-versi ta' l-innijiet jidher ukoll fis-sempliċita' tal-ħsieb u tal-frażoloġija, fl-importanza mogħtija lill-emozzjoni, u fuq kollox fil-fatt li t-tnejn, bħala kompożizzjonijiet verbali, huma maħsuba biex jitkantaw. Bħala tradizzjoni orali l-għana offra l-mudelli li setgħu jittieħdu aktar tard mit-tradizzjoni tal-innu bħala poeżija biex titkanta ... Il-kitba tal-innu bil-Malti daħlet sewwa fil-letteratura minn meta Dun Karm beda jikteb għadd ta' innijiet dwar temi reliġjużi differenti... Ġabriet ta' innijiet qodma u ġodda bdew joħorġu minn meta daħal l-ilsien Malti fil-liturġija tal-Knisja wara l-Konċilju Vatikan II. [8]

Innu lil Sant' Antnin ta' Padwa

Warajk nimxu, qalbiena nitqabdu,
Nirbħu l-qilla tal-għadu ħażin;
Bħala kewkba li tiddi mis-sema
Kun għalina, maħbub Sant' Antnin.

Ritornell: **Lilek ħtarna Patrun tagħna,**
**Sant' Antnin għax inħobbuk;**
**Int għallimna t-triq tas-sema,**
**Biex hemmhekk niġu ngawduk!**

Kif ħabbejtu bil-qawwa ta' qalbek
Lis-Sinjur, int għallimna nħobbuh;
Biex ħajjitna ssir ġilju li jfewwaħ
U ma' qalbna biss Lilu nagħtuh.

Rit.: **Lilek ħtarna** …

Kif il-ħeġġa ta' ruħek ġagħlitek
Illi taħdem u ssalva l-erwieħ,
Dan il-għan jibqa' jakħkem ġo fina,
Għalih naħdmu bla ebda mistrieħ.

Rit.: **Lilek ħtarna** …



Id-dikjarazzjoni mill-awtorità tal-Knisja li biha l-Innu lil Sant' Antnin ta' Padwa seta' uffiċjalment jitkanta u/jew jiġi mitbugħ.

[8] Tagħrif meħud kelma b'kelma mid-*Dizzjunarju ta' Termini Letterarji – teorija, metrika, stilstika b'eżempji mil-letteratura Maltija* – L-edizzjoni l-ġdida mkabbra – Oliver Friggieri – Ippubbikat mill- PEG Ltd., San Ġwann (2000) - pġ 310-11.

Analiżi

L-**Innu lil Sant' Antnin** fih tliet strofi[9] bir-ritornell[10]. Fil-każ ta' l-istrofa, il-vers huwa tal-għaxra (dekasillabu). Tajjeb li wieħed jgħid hawnhekk li, temp ta' tliet kwarti joqgħod aktar lill-vers dekasillabu milli wieħed binarju. Meta niġu għar-ritornell mbagħad, Dun Anton qaleb għall-vers ottonarju (vers tat-tmienja) – wieħed mill-versi l-aktar imfittxija fil-poezija Maltija. Dan il-vers ta' tmien sillabi hu magħmul minn żewġ kwaternarji, u għandu l-aċċenti fissi fuq it-tielet u fuq is-seba' sillaba. Dan il-vers jalterna ma' ieħor settenarju – vers li għandu aċċent fiss fuq is-sitt sillaba, u oħrajn sekondarji. F'dan il-każ it-temp $^{2}/_{4}$ joqgħod tajjeb.

L-istrofa

Kif mistenni, it-tifsila tal-innu hija waħda sempliċi bħalma nsibu f'kull innu popolari li huwa destinat għall-kant mill-kongregazzjoni magħmula min-nies mhux bilfors imħarrġa fl-arti vokali. Hekk mela, l-istrofa [b. $0^{2}$- $16^{1}$] hija magħmula minn żewġ sentenzi mużikali ta' tmien battuti l-waħda, bit-tnejn li huma jibdew b'anakrusi, liema sillaba allura, dgħajfa jew qasira, mhux bilfors li tkun magħduda mas-sillabi li jsawru l-metru regolari. Sentenza, li tkopri żewġt ivrus ta' strofa, għandha tul ta' tmien battuti, u tħaddan żewġ frażijiet mużikali teknikament imsejħin anteċedent (frażi li tiġi qabel) u konsegwent (frażi li tiġi wara), u li aktarx ikollhom l-istess tul ta' erba' battuti l-waħda.

L-anteċedent [[$0^{2}$ - $4^{1}$] jiftaħ fuq in-nota tonika u jagħlaq bl-akkordju sopra-dominanti (VI) jew fil-kjavi relativa-minuri.

Anteċedent:




Il-konsegwent imbagħad [$4^{2}$ – $8^{1}$], jitlaq mnejn ikun ħalla l-anteċedent u jgħaddi minn żewġ battuti fid-dominanti (V) qabel ma jġib is-sentenza fi tmiem mhux aħħari permezz ta' kadenza bl-aħħar nota fil-melodija tkun dik medjanti (La).

Konsegwent:




L-istess jista' jingħad għat-tieni sentenza [$8^{2}$ - $16^{1}$] li tifforma il-bqija taż-żewġt ivrus l-oħra, bid-differenza imma, li fl-anteċedent għandek kadenza *d'inganno*, għax minflok il-kjavi relativa-minuri (VI) tiġbed lejn dik tas-sotto-dominanti (IV), u fil-kosegwent ukoll, il-kadenza hija waħda perfetta bit-toniku fil-melodija.

Ir-ritornell

Ir-ritornell [b. 17- 32] huwa magħmul minn setenza waħda biss ta' sittax-il battuta – anteċedent [b. 17- 24] u konsegwent [b. 25- 32]. Wieħed jinnota wkoll li, l-anakrusi mhix hemm aktar, u dan il-fattur jgħin għalbiex ir-

---

[9] Strofa hija kelma li tirreferi għall-ewwel taqsima tal-għanja jew poeżija, li mhix xejn għajr silta sħiħa li ssawwar paragrafu poetiku. Stanza hija kelma oħra għal strofa.

[10] Ritornell

ritornell jikseb il-karattru tiegħu. Irid jingħad hawnhekk li, Dun Gwido kiteb biss il-melodija, anke jekk f'rasu seta' kellu wkoll l-armonija diġà msensla – dawn iż-żewġ elementi tant importanti suppost li jridu jitwieldu u jimxu flimkien fl-istess waqt meta l-kompożitur jiġi biex jikteb biċċa mużika.

Anteċedent (ftuħ):

Fig. 3



L-anteċedent [b. 17- 24], li fih innifsu jerġa' jinqasam f'żewġ frażijiet ta' tmien battuti l-waħda, jiftaħ bi speċi ta' mistoqsija fid-dominanti (V) u tweġiba mmedjata fit-toniku (I). Din il-ħaġa tinħss ukoll fis-sens armoniku fejn għandek l-ewwel erba' battuti armonizzati kif ġej: Do maġġuri (dominanti) – la minuri (minuri-relativa) – Fa maġġuri (I) – re minuri (minuri-relativa). Din il-waqgħa armonika ta' interval ta' tlieta minuri u maġġuri jalternaw, tissokta bil-miġja ta' sotto-dominanti (Si*b*) f'battuta nru. 21, li min-naħa tagħha twassalna sa tmiem bla għeluq fit-tliet battuti li jiġu warajha.

Ritornell (anteċedent):

Fig. 4



Fil-konsegwent [25 - 32] imbagħad, mixjet l-armonija ma tibqax aktar dijatonika, iżda minflok titgħabba bil-miġja tal-akkordji kromatiċi, speċjalment mit-28 battuta 'l quddiem fejn għandek:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 28 | 29 | | 30 | | 31 | | 32 |
| 2 | 1 | 2 | 1 | 2 | 1 | 2 | 1 |
| Fa7 | Sib | Sib min. | Fa/Do | Ger. 6 | Fa/Do | Do7 | Fa |

Għalkemm hawnhekk l-analiżi tista' tidher waħda kumplessa, madankollu l-melodija hija tal-widna u waħda li taqbadha malajr – kif wara kollox, fil-każ ta' innu popolari, għandu jkun.

Għeluq

U b'din l-analiżi pjuttost dettaljata nista' nagħlaq dan l-artiklu billi ngħd li l-Bullettin li kien jinħareġ mill-Fergħa tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika ta' San Ġiljan, għalija, mhux talli kien sempliċiment 'Xaqq Dawl' nemniemi, anzi kien bħal merżuq ta' dawl sfiq li għenni nikxef il-verità mibnija fuq fatti u figuri, lkoll marbutin mal-ġrajja ta' dan l-innu ddedikat lil Sant' Antnin ta' Padwa.

**Manoel Pirotta** twieled in-Naxxar fl-1962. Tgħallem il-klarinett u ngħaqad mal-Banda Ċittadina King's Own ta' 12-il sena. F'Malta, studja għand il-kompożitur prolifiku, Carmelo Pace. Kiseb ħames 'fellowships' mill-VCM (1994), LCM (1995), NCM (1996), TCL (1997), u IBC (2004). Kiseb ukoll il-midalja tad-deheb fil-kompożizzjoni (1995), u l-orkestrazzjoni (1996), u *certificated and registered teacher* (1999) mill-VCM, li tiegħu huwa wkoll membru onorarju. Iggradwa Masters mill-konservatorju nazzjonali superjuri ta' Lyon, Franza. *Full-time lecturer* fil-University of Malta Junior College, Msida. Nominat "International Musician of the Year" mir-Research and Advisory Board of the International Biographical Centre, Cambridge (2003). Idderieġa l-*Catholic Institute Orchestra* (1987-9) u l-Orkestra Żgħażagħ Maltin (1994-96). Ilu jmexxi l-*University Junior College Orchestra* u l-*Euro Academy Youth Orchestra* sa mill-1999 u 2002 rispettivament. Għandu xogħlijiet ippubblikati f'antoloġiji mużikali, oħrajn jinsabu fuq CDs, u oħrajn indaqqew f'pajjiżi Ewropej. Rebbieħ ta' midalji u gari mużikali, fosthom għall-aqwa marċ brijuż imniedi mis-*Societa' Flarmonica Nazzjonale "La Valette"* f'għeluq il-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Ingħata l-*Grand Prix des Arts* g]all-kompożizzjoni u direzzjoni mużikali fit-tmien edizzjoni tal-*Malta International Art Biennale* (2007). Inħatar Surmast tal-Banda San Ġiljan fl-2008.